MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-17 ta' April, 2007

Avviz Numru. 249/2004

**Mario Abela**

**vs**

**Maltacom p.l.c.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni fuq indikata datat l-10 ta’ Marzu tas-sena 2004 li permezz taghha l-attur sejjah lis-socjeta’ konvenuta sabiex wara li ppermetta:

1. Illi b’Avvizipprezentat quddiem il-Qorti Civili Tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Korporazzjoni TeleMalta (Sezzjoni Arretrati) vs Mario Darmenin (Avviz Nru: 1942/97) il-Korporazzjoni konvenuta talbet il-kundanna ta’ Mario Darmanin ghall-hlas ta’ disgha mija u tletin Lira Maltin u erbghin centezmu, (LM930.40,0), fuq il-premessa

li dan l-ammont huwa repprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 577326;

2. Illi b'digriet tas-26 ta' Marzu ta' l-1998, Maltacolm p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza;

3. Illi b'digriet tat-30 ta' April ta' l-1999 gie kjamat in kawza l-attur;

4. Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) fis-27 ta' April tas-sena 2001, il-Qorti kkundannat lill-attur sabiex ihallas lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' disa' mija u tletin Lira Maltin u erbghin centezmu, (LM930.40,0), bl-imghaxijiet legali b'effett mill-11 ta' April tas-sena 2001;

5. Illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza, l-attur qatt ma gie notifikat;

6. Illi kwalsiasi tentattiv ta' notifika li sar lanqas huwa validu peress li ma gewx segwiti d-dettami ta' l-artikolu 187 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi kien biss wara s-sentenza fuq imsemmija ghaddiet f'gudikat li l-esponent sar jaf bil-kawza fl-ismijiet fuq premessi;

8. Illi ghalhekk hemm lok ta' ritrattazzjoni abbazi ta' l-Artikolu 811 (a) u (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12);

Talab ghalhekk ghaliex din il-qorti, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega skond il-ligi, m'ghandhiex:

i. Thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet Korporazzjoni TeleMalta (Sezzjoni Aretrati) b'digriet tas-26 ta' Marzu ta' l-1998, Maltacom p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza vs Mario Darmanin u b'digriet tat-30 ta' April ta' l-1999 gie kjamat in kawza Mario Abela (Avviz Nru: 1942/97) li giet deciza nhar is-27 ta' April tas-

sena 2001 a tenur ta’ l-artikolu 811 (a) u (b) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u procedura Civili (Kapitolu 12);

ii. Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet Korporazzjoni TeleMalta (Sezzjoni Arrettrati) u b’digriet tas-26 ta’ Marzu ta’ l-1998, Maltacom p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza vs Mario Darmanin u b’digriet tat-30 ta’ April ta’ l-1999 gie kjamat in kawza Mario Abela (Avviz Nru: 1942/97) li giet deciza nhar is-27 ta’ April tas-sena 2001;

iii. Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa hija ngunta in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur li f’dan listadju, ghall-ekonomija tal-gudizzju u a skans ta’ ripetizzjoni inutili qed issir biss referenza ghaliha;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata s-27 ta’ Mejju tas-sena 2004 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi din il-kawza qed issir peress li l-attur qed jallega li huwa qatt ma gie notifikat bl-avviz;

2. Illi l-artikolu 811 (a) u (b) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) indikati fic-citazzjoni jghidu testwalment;

(a) where the judgement was obtained by fraud on the part of any of the parties to the prejudice of the other party;

(b) where the writ of summons was not served on the party cast, provided that, notwithstanding such omission, such party shall not have entered an appearance at the trial”;

3. Illi skond dak li hemm fil-premessi tac-citazzjoni zgur ma huwiex kaz li s-sentenza hija rizultat ta’ frodi u ghalhekk sub-artikolu (a) zgur ma jaghmilx ghall-kaz;

4. Illi fis-sentenza moghtija nhar is-27 ta’ April tas-sena 2001 mill-Magistrat Dottor Dennis Montebello fl-ismijiet “Korporazzjoni (Sezzjoni Arretrati) u b’digriet tas-26 ta’ Marzu ta’ l-1998, Maltacom p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza kontra Mario Darmanin u b’digriet tat-30 ta’ April ta’ l-1999 gie kjamat in kawza Mario Abela” li kopja taghha giet annessa mac-citazzjoni u giet immarkata Dokument “A” hemm indikat car illi l-kjamat in kawza, l-attur odjern, kien “debitament notifikat” u ghalhekk zgur li l-Magistrat sedenti kellu prova, (ara “pink card” u riferta a fol 23 tergo tal-process tal-kawza numru 1942/1997 DM fuq imsemmija), li tali notifika kienet saret skond il-Ligi. Ghalhekk sub-artikolu (b) ukoll ma jaghmilx ghall-kaz in ezami;

5. Illi ghalhekk ma hemmx lok li din il-Qorti ghandha thassar u tirrevoka u lanqas tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet “Korporazzjoni Telemalta (Sezzjoni Arretrati) u b’digriet tas-26 ta’ Marzu ta’ l-1998, Maltacom p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza kontra Mario Darmanin u b’digriet tat-30 ta’ April ta’ l-1999 gie kjamat in kawza Mario Abela”;

6. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta li wkoll f’dan l-istadju ghall-ekonomija tal-gudizzju u a skans ta’ ripetizzjoni inutili qed issir biss referenza ghaliha;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi din il-qorti diversament preseduta ippronunzjat sentenza fl-ismijiet Korporazzjoni TeleMalta (Sezzjoni Arretrati) u b'digriet tas-26 ta' Marzu ta' l-1998, maltacom p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza tat-30 ta' April ta' l-1999 gie kjamat in kawza Mario Abela, datata s-27 t'April tas-sena 2001;

2. Illi nonostante dan, l-imsemmi kjamat in kawza, l-attur odjern Mario Abela, isostni bil-gurament li qatt ma gie notifikat bi kwalunkwe att gudizzjarju naxxenti mill-imsemmija procedura;

3. Illi in oltre, isostni wkoll li lanqas biss jaf min hu l-attur fl-imsemmija procedura;

Ikkunsidrat:

Illi in effetti jirrizulta li d-dokument gudizzjarju in dizamina kien twassal fid-dipartiment ta' l-Edukazzjoni fejn kien iffirma ghalih il-"cleaner" tad-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni;

Illi dan l-istess individwu jikkonferma bil-gurament li hu qatt m'ghadda dan id-dokument lill-attur odjern, (ara fol 55);

Illi ghalkemm dan l-attur hu wkoll impjegat fl-istess Dipartiment pero' d-Divizjoni tieghu hi ghal kollox differenti minn dik tal-pesuna li ffirma u rcieva d-dokument de quo;

Ikkundisrat:

Illi in vista tal-premess jirrizulta li effettivament l-attur Mario Abela qatt ma ha konjizzjoni legittima ta' l-atti meritu tal-kawza fuq indikata;

Illi in effetti t-talba odjerna tieghu hi abbundantement gustifikata;

Ghaldaqstant, filwaqt li tirrespingi t-talbiet tas-socjeta' konvenuta, takkolji t-talbiet attrici u konsegentement:

1. Thassar u tirrevoka s-sentenza fuq indikata datata s-27 ta' April tas-sen 2001 fl-ismijiet Korporazzjoni TeleMalta et vs Mario Darmanin et;

2. Tordna r-ritrattazzjoni ta' l-istess kawza;

3. Bl-ispejjez rizervati.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------